SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2012**

**SEDUTA NUMRU 47**

**L-ERBGĦA 9 ta' FRAR 2011 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| JOE BONELLO | VIĊI SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti tas-Seduti numru 44 ġew approvati. Il-Kunsillier Fenech ippropona. Is-Sindku ssekondat.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mit-Trasport Malta dwar l-installazzjoni tal-barrier fil-kantuniera ta' Triq is-Sidra ma' Triq is-Swieqi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li risposta waslet pero' minħabba li l-bankina mhux wiesa biżżejjed l-installazzjoni ma tistgħax issir.

2. Il-Kunsillier staqsa dwar meta ser isiru x-xogħlijiet ta' kurduni fi Triq il-Marbat. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn ix-xogħlijiet tpoġġew fuq il-pogramm ta' xogħljiet ta' bankini li ser isiru mill-ħaddiema tal-Gvern (distrett 10).

3. Il-Kunsillier staqsa meta ser issir is-sejħa għall-offerti/kwotazzjonijiet għall-accountant tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn joħorġu meta jiġi iffinalizżat l-audit 2010.

## III APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU 45

1. Il-minuti tas-Seduta nru 45 ġew approvati.
   Il-Kunsillier Fenech ippropona u s-Sindku ssekondat.

2. Il-Kunsillier Curmi staqsa jekk fil-management accounts ippreżentati ġew inklużi l-kontijiet kollha pendenti. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-kontijiet kollha ġew inklużi filwaqt li dawk li għadhom ma tħallsux qed jidhru bħala accruals.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku nfurmat li mill-proġett pilota tal-Madliena diġa tlestew 12 il Triq kif ukoll li beda x-xogħol fuq toroq oħra. Is-Sindku nfurmat bi problema ta' linji fi Triq il-Bir. Ġie nfurmat li din it-Triq ser titkompla meta jiġu pprezentati linji ġodda mill-MEPA minħabba li dawk eżistenti ġew irrifjutati mir-residenti li joqgħodu f' dik it-Triq. Is-Sindku rreferiet ukoll għax-xogħlijiet ta' rinfurzar fil-pedament ta' l-istess Triq. Dawn ix-xogħljiet ser isiru mill-istess fondi allokati għal proġett pero' mhux ser issir Triq l-Inġinier peress li f' din it-Triq għad iridu jsiru xi trinek għal mains tad-dranaġġ kif ukoll pumping station.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li sar programm ta' manutenzjoni ta' bankini. Dawn ix-xogħlijiet ser isiru mill-ħaddiema tal-Gvern (distrett 10).
   Il-Kunsillier Fava staqsa jekk dawn ix-xogħlijiet humiex ser jitħallsu mill-Kunsill. Is-Sindku wieġbet li l-Kunsill ser iħallas biss għall-konkos tal-wiċċ tal-bankini kif ukoll dump protection fejn meħtieg.

3. Is-Sindku nfurmat li saru l-interviews għall-impjegata ġdida mall-Kunsill. L-aħjar applikant kienet is-Sinjorina Jocelyn Tabone. Is-Sindku staqsiet għall-approvazzjoni sabiex din il-persuna tiġi ingaggata mill-aktar fis b' sitt xhur probation period. Il-Kunsill approva.

4. Is-Sindku nfurmat li kellha talba mingħand residenti għat-traffic lights fil-parti ta' fuq ta' Triq is-Sidra kantuniera ma' Triq il-Qasam. Wara diskuzzjoni ġie deċiż li ssir rikwest lit-Transport Malta biex isir studju ta' traffic management fuq il-post.

5. Is-Sindku ppreżentat kwotazzjonijiet ta' 4 arbli u dawl ġdid fil-parti ta' isfel ta' Triq il-Qasam l-aċċess għal San Ġwann. L-ammont ta' kwotazzjoni €14,875.00 li tinkludi trinek u installazzjoni. Il-Kunsill approva l-kwotazzjonijiet u talab biex dawn ix-xogħlijiet jibdew mill-aktar fis.

6. Rigward ix-xogħlijiet ta' kisi bit-tarmak ta' Triq il-Qasam, is-Sindku nfurmat li qabel ma jibdew dawn ix-xogħlijiet iridu jitlestew l-audit accounts biex jiġu magħruf aħjar il-bilanċ li ser jiġi *b/f* għal din is-Sena.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

**Turf għal-Pitch tat-Tennis Court.**

1. Is-Sindku nfurmat li għandha konferma mingħand żewġ kumpaniji li jissuplixxu dan it-tip ta' materjal. Dawk infurmaw li ma jeżistiex turf li jakkomodha logħob tat-Tennis kif ukoll logħob tal-football.
Il-Kunsillier Fava informa li hu jaf persuna intiża fuq dan il-materjal pero' fil-preżent din tinsab msiefra pero' ser tirritorna ġimgħatejn oħra. Ikun aħjar li nistennew ftit qabel ma joħorġu l-offerti qabel ma neskludu il-possibilta' li dan il-pitch jintuża wkoll għal logħob ta' football. Jekk jirriżulta li ma jinstabx il-materjal meħtieg għaż-żewġ dixxiplini allura il-Kunsill għandu jistudja kif jista jsir l-aħjar gwadan minn din l-arja minħabba jista jagħti kaz li l-Kunsill jiddeċiedi fuq pitch 5 a side minflok dak tat-Tennis. L-income għal Kunsill ser ikun ikbar u b'hekk jista jiġi allokat ħin b' xejn għat-Team tal-football biex dawn jużawh għan-nursery.

2. <u>Offerti SEAP Rapport Patt tas-Sindki</u>
Ġew sottomessi żewġ offerti:
   a. Renergy Ltd €2799
   b. Economy Eng. €3700
Inqara rapport mis-Sur Robert Fenech (Kumitat Finanzi). Ir-Rapport jirrakomanda il-kwotazzjoni ta' Renergy Ltd. Il-Kunsill qabel mar-rapport u għaldaqstant għazel l-aktar offerta vantaġġuża.

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

**<u>Mill-Kunsillier Mario Fava</u>**

1. Il-Kunsillier nforma li kellu talba mingħand 7 familji dwar il-possibilta' li Triq il-Għajn issir "one way" mis-substation sa Triq is-Sidra. Il-Kunsill qabel li din it-Triq għandha tibqa kif inhi fil-preżent minħabba li din tista toħloq problemi f' toroq oħra konġunti.

2. Il-Kunsillier irraporta li fi Triq il-Għajn xi residenti taljani qed iżommu xi klieb fuq il-bejt u dawn ta' sikwit jinbħu matul il-lejl. Il-Kunsillier staqsa biex isir rapport lill-Pulizija.

3. Il-Kunsillier staqsa dwar jekk waslitx l-approvazzjoni mit-Transport Malta għal Perlican Lights fil-parti ta' fuq ta' Triq ta' l-Ibraġ. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li waslet l-approvazzjoni pero' mhux għal perlikan lights iżda għal zebra crossing belisha blinkers. Il-Kunsillier qabel li ssir zebra crossing. Il-Kunsillier irrakomanda li din iż-żebra crossing għandha issir. Il-Kunsill qabel mall-proposta pero' ġie deċiż li din tiġi diskussa aktar il quddiem.

| | |
|---|---|
| **HUGH ZAMMIT** | **CARMEN SAID** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

**Mill-Kunsillier Mario Fava (jkompli.........................)**

4. Il-Kunsillier irrefera għal Triq il-Marbat. Hu informa li din it-Triq li tifforma parti mill-aċċess tas-Swieqi tinsab f'kundizzjoni ħażina ħafna. Ta' sikwit isir patching pero' din għanda bżonn issir bit-tarmak. Il-Kunsill qabel mall-proposta pero' irrefera għall-problema ta' finanzi. Ġie deċiż li tinkiteb ittra lid-dipartiment ikkonċernat sabiex din tinkesa bit-tarmak min fondi speċjali tal-Gvern. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tintalab stima mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill.

5. Il-Kunsillier irraporta li fi Triq il-Qasam u Triq is-Swieqi qed isiru diversi abbużi ta' parking speċjalment bejn il-4.00p.m. u 7.00p.m. fost il-ġimgħa u fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu tal-Ħdud. Il-Kunsillier issuġġerixxa li għandha ssir sorveljanza mill-wardens mhux biex jippennalizzaw lis-sewwieqa iżda biex jedukaw. Il-Kunsill qabel li għandha ssir kommunikazzjoni mat-Transport Malta biex jitfassal Traffic Management aħjar l-aktar fil-parti ta' isfel ta' Triq il-Qasam.

6. Il-Kunsillier informa li fil-futur qarib kull kunsill ser ikollu uffiċjali ta' l-ambjent. Hu staqsa jekk hemmx xi ħjiel ta' meta ser tibda topera din is-sistema. Il-Kunsillier staqsa ukoll meta l-aħħar li din ġiet diskussa mill-Kumitat Reġjonali.

7. Il-Kunsillier irraporta dwar xogħlijiet ta' kostruzzjoni li qed jibdew sa minn kmieni qabel is-7.00a.m. Dawn qed ikunu ta' inkonvenjent għal dawk ir-residenti li joqgħodu fil-viċinanza. Hu saqsa li kasi bħal dawn għandhom jiġu rrapurtati lill-Pulizija.

8. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta dwar il-kostruzzjoni ta' culverts ta' Triq it-Tiben, Triq il-Gejża, Triq l-Ilqugħ u Triq l-Għamad. It-talba għal dawn ix-xogħlijiet ilha li saret 4 snin. Il-Kunsillier issuġerixxa li jekk dawn mhux ser isiru mill-Gvern Ċentrali allura ikun aħjar li tintalab stima mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill.

9. Il-Kunsillier irraporta mutur abbandunat u bla liċenzja fi Triq il-Wasliet.

10. Il-Kunsillier staqsa f' liema skala ser tiġi impjegata l-iskrivana l ġdida. Hu ġie nfurmat li din ser tkun fi skala 15.

11. Il-Kunsillier talab ukoll biex isir xi tindif u qtugħ ta' ħaxix ħdejn il-flats tal-forum.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

**<u>Mill-Kunsillier Alfred Curmi</u>**

1. Il-kunsillier irraporta fergħa ta' siġra perikoluża fi Triq il-Marbat. Din tista tkun ta' periklu kemm ghal dawk li jiffrekwentaw iż-żona kif ukoll għal vetturi tar-residenti li joqgħodu fl-istess Triq. Hu talab li jsir kuntatt mas-sidien.

2. Il-Kunsillier irraporta li is-sistema Park & Ride ser tibda topera fit-3 ta' Lulju 2011. Hu staqsa jekk il-Kunsill għandux aktar informazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li aktar tard fil-laqgħa se jispjega dwar din is-sistema.

3. Il-Kunsillier irraporta qtugħ ta' dawl fiż-żebra crossings ta' Triq il-Qasam. Hu talab sabiex dawn il-ħsarat jiġu irrapurtati.

4. Il-Kunsillier talab biex jinżebgħu l-linji bojod ta' taħt il-mini fl-entratura ta' Triq is-Swieqi.

5. Il-Kunsillier talab biex isiru kuntatti mall-Kunsill Lokali ta' Pembroke sabiex titneħħa is-sign ta' No Parking minn Triq Arnhem. Dan minħabba li din issa saret bla użu peress li l-iskola ma għandhiex tiffunzjona.

## VII KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li waqt is-seduta tal-qorti li kellu dwar il-kaz ta' Triq il-Keffa. L-avukat tal-Perit Camilleri irrikomanda li delegazzjoni mill-Kunsill għandha tiltaqa' miegħu fil-qorti bil-għan li jsir (out of court settlement). Ġiet iffisata data 24 ta' Frar 2011 fil-11.00a.m. Il-Kunsillier Fava ma qabilx mall-proposta. Hu informa li la darba il-Perit Camilleri qed jitlob hekk allura jista jkun li dan qed jinduna li jista jitlef il-kas.

2. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa ma' l-avukat tal-Kunsill sabiex jiġi spjegat aktar fid-dettal x' qed jitlob il-Perit Camillieri. Din il-laqgħa ssir *without prejudice* . Ġiet deċiża data ta' 23 ta' Frar 2011 fl-4.00p.m. Is-Sindku w il-Kunsillieri Fava u Shepherd ser jattendu.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## VII KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV (jkompli……..)

3. Il-Kunsill ġie infurmat b' protest gudizzjonarju minn Aurelia enforcement Ltd dwar xi sejħa għall-offerti li saret mill-Kumitat Konġunt. Il-Kunsill talab sabiex dan il-protest għandu jintbagħat lill-Kumitat Konġunt.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hu attenda laqgħa dwar il-park & ride li ser tibda topera fit-3 ta' Lulju 2011. Ġiet ippreżentata pjanta ta' kif ser ikunu ir-rottot il-ġodda.

5. Il-Kunsill ġie nfurmat li għola l-prezz ta' instant tarmac (cold asphalt). Il-prezz il ġdid sar €4.25 per 25 kgs.

6. Ġiet ippreżentata korrispondenza mid-dipartiment tal-Gvern Lokali ta' 18 ta' Jannar 2011. Suġġett: Festa Ġemellaġġi 2011. Ġie spjegat il-kontenut. Il-Kunsill idećieda li ma ssirx applikazzjoni.

## VII APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

1. Il-pagamenti kollha li jidhru fuq l-iskeda ġew approvati. Il-Kunsillier Fenech ippropona u is-Sindku ssekondat.

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.30p.m. u Sar aġġornament għal nhar l-erbgħa 9 ta' Marzu 2011 fil-5.00p.m.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**